# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru: 366/2014

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Anthony Borg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 178263M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, fis-16 ta' April 1999 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien

fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli fl-istess data, zmien, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fis-17 ta' Frar 2002 u matul l-ahhar erba' snin ta' qabel din id-data:

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'

Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Settembru, 2014, li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghall-piena ta' **tlett (3) snin prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom - u **multa ta' elfejn u hames mitt Euro** (**€2,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200.00). L-ewwel pagament kellu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja erogata u ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirrevoka u thassar** s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent Anthony Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-ligi. **Alternattivament**, u minghajr pregudizju, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi

minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti jirrisalu ghas-sena 2003 meta l-prosekuzzjoni ressqet lill-appellant sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet kif riportati *supra* wara li l-Pulizija kienet irceviet informazzjoni li kien qed jitraffika d-droga. L-atti processwali juru illi ghal zmien twil l-imputat ma setax jinstab tant li mill-ewwel fit-22 ta' Settembru 2003 l-kawza baqghet tkun differita sakemm fl-ahhar instab u tressaq fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2009;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra u wara li ezaminat l-atti kollha, din il-Qorti hija kostretta tissolleva hi stess kwistjoni li tolqot il-validita' tal-*iter* processwali. L-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq ordni tal-Avukat Generali kif jitlob il-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta. Din l-ordni, izda, li ggib d-data tat-23 ta' Gunju 2003 (fol. 3 tal-atti processwali) kienet sabiex Anthony Borg "*jitressaq quddiem il-**Qorti Kriminali** biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal-ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza*" u dan fit-termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101. Dik l-ordni kienet allura timporta procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sa dak il-punt li l-Avukat Generali jiddeciedi jew li johrog att ta' akkuza jew li jerga jibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati b'ordni sabiex l-imputat ikun ggudikat minn dik l-istess Qorti ex artikolu 22(2A) tal-Kapitlu 101. Dik il-kontro-ordni, izda qatt ma nharget u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx

tipproccessa lill-imputat fil-vesti taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghaliex ma kienitx vestita b'dik il-kompetenza;

3. Dan wahdu iwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata izda l-atti processwali huma ukoll aflitti minn nuqqasijiet ohra. Fl-ewwel lok, l-imputazzjoni qatt ma nqrat bil-gurament mill-ufficcjal prosekutur skond l-artikolu 390(1) tal-Kap 9 u qatt ma ezaminat lill-imputat, bla gurament, kif jitlob l-istess artikolu la fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni u anqas wara li l-prosekuzzjoni talbet u ottjeniet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2009 li permezz taghha kienet mibdula d-data tal-allegat delitt u kienet mizjuda imputazzjoni gdida. Apparti dan, matul il-perkors tal-process, l-ewwel Qorti qatt ma ghalqet il-kumpilazzjoni b'dikjarazzjoni li hemm jew ma hemmx bizzejjed ragunijiet sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u qatt ma rrinvjat l-atti lill-Avukat Generali kif jitlob l-artikolu 401 tal-Kaptiolu 9;

4. Issa ghalkemm dawn in-nuqqasijiet donnhom sfuggew sia lill-appellant kif ukoll lill-prosekuzzjoni, din il-Qorti hija fid-dover li tissoleva dan kollu ghaliex il-kwistjoni hija wahda ta' ordni pubbliku. Il-konsegwenza ta' dan huwa li l-ewwel Qorti ghaddiet ghal-gudizzju ta' persuna meta ma kellhiex il-kompetenza skond il-ligi sabiex taghmel dan u konsegwentement l-atti huma nulli *ab initio*;

5. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi thassar is-sentenza appellate, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-appell odjern u tordna li l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex terga tisma' l-kaz mill-gdid kif ukoll li l-appellant jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel ma inghatat is-sentenza appellata.